MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

SEDUTA TAS-27 TA' GUNJU, 2013

CITAZZJONI NUMRU. 287/2013

**CARMEL SIVE CHARLES VELLA (ID 209250M) U MARTU CONCETTA SIVE CONNIE VELLA (ID 392255M)**

**VS.**

**CARMEL SIVE CHARLES MANGION (ID 110160M) U C&M CONTRACTORS LIMITED (C-30803)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-Rikors Guramentat  ta’ Carmel sive Chalres Vella (ID 209250M) u Concetta sive Connie Vella (ID 392255M) tal-25 ta’ Marzu 2013 li jaqra hekk :

*1. “Premess illi l-konvenuti huma debituri ta’ 1-esponenti fis-somma ta’ tlett mija tmienja u ghoxrin elf, mija u disghin Ewro (€328,190.00) rapprezentanti self brevi manu abbazi tal-kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion datat tmienja ta’ Marzu elfejn u tnax (08.03.2012), hawn anness u mmarkat bhala Dok CV1;*

*2. Premess illi 1-esponenti sejhu diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsu 1-ammont imsemmi, fosthom b’ittra ufficjali datata tmintax ta’ Gunju elfejn u tnax (18.06.2012) (kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok CV2), izda dawn baqghu inadempjenti u ma hallsux;*

*3. Premess illi 1-ammont dovut huwa cert, likwidu u dovut, u 1-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu 1-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u 1-esponenti qeghdin jannettu ma’ dan l-att affidavit (hawn anness u mmarkat bhal Dok CV3) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandiex:*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-esponenti bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti, in solidum jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-esponenti 1-ammont ta' tlett mija tmienja u ghoxrin elf, mija u disghin Ewro (€328,190.00) eskluz 1-imghax rapprezentanti self brevi manu abbazi tal-kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion datat tmienja ta' Marzu elfejn u tnax (08.03.2012).*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficja1i mahruga fil-konfront tal-intimati mill-esponent flimkien ma' 1-imghax skond il-ligi fuq is-sorte mid-data tal-kostituzzjoni ta' debitu 'il quddiem kontra 1-konvenuti li huma minn issa huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati  lill-intimati skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni, fit-30 t'April 2013, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis-7 ta'Mejju 2013 u fil-Gazzetta Lokali fis-17 ta' Mejju 2013;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi l-intimati fl-udjenza tal-llum il-Hamis 27 ta'Gunju 2013, u fl-udjenza tat-Tnejn 17 ta'Gunju 2013 , baqghu ma dehrux;

Rat illi fl-udjenza tat-Tnejn 17 ta'Gunju 2013, Charles sive Carmel Vella , bil-gurament, xhed u kkonferma illi l-ammont  pretiz fir-rikors guramentat baqa' ma thallasx mill-intimati;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza

tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi , tilqa t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------